MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2006

Numru 285/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Leo Borg u**
**Marc Borg**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Leo Borg u huh Marc Borg talli fit-8 ta' Novembru 2002 ghall-habta tad-9.20 ta' filghaxija fl-Gharb, Ghawdex, (**1**) ikkommettew serq ta' karozza tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ANA-079 ghad-dannu ta' Annabelle Sultana, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bi-valur li jeccedi l-elf lira, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa; (**2**) fl-istes hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, xjentement f'Gahwdex laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex jbieghulhom jew imexxuhom u cioe` karozza tal-ghamla

Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni ANA-079 ta’ valur li jecced l-elf lira maltin a detriment ta’ Annabelle Sultana; (**3**) talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamlu hsara f’karoza tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni ANA-079 a detriment ta’ Annabelle Sultana, liema ammont ta’ hsara jecced l-hames mitt lira; (**4**) talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamlu hsara f’mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta’ registrazzjoni EBD-064 ghad-dannu ta’ Twanny Sultana mill-Gharb, Ghawdex, liema ammont ta’ hsara huwa ta’ izjed minn hamsin lira izda inqas mnn hames mitt lira; u (**5**) talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, mighajr l-hsieb li joqtlu jew li jqghedu l-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-saha ta’ persuna ohra jew gabulha disordni f’mohhha u cioe` kkagunaw ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Twanny Sultana mill-Gharb, Gahwdex, skond kif iccertifika t-tabib tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex, Doctor Mario Saliba;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-6 ta’ Lulju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Leo Borg u Marc Borg hatja ta’ serq kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa kif ukoll sabithom hatja tar-reat ta’ hsara volontarja, izda lliberathom mill-akkuza li kkagunaw ta’ offizi ta’ natura hafifa u astejeniet milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta’ ricettazzjoni, u kkundannat lil Marc Borg ghal piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li kkundannat lil Leo Borg ghall-piena ta’ sentejn u nofs prigunerija; fl-ahharnett ikkundannathom ukoll ihallsu s-somma ta’ Lm296.88 spejjez peritali fi zmien xahar minn meta jigu hekk interpellati;

Rat ir-rikors ta’ appell kongunt ta’ Leo Borg u ta’ Marc Borg, minnhom ipprezentat fl-20 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu huma talbu r-riforma ta’ l-imsemmija sentenza billi huma jigu lliberati mill-imputazzjonijiet li dwarhom huma

nstabu hatja jew, alternattivament u bla pregudizzju, blli jkun hemm varjazzjoni fil-piena;

Rat u ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad li kontestwalment mar-rikors ta’ appell l-appellanti ppresentaw ukoll rikors iehor li bih talbu li din il-Qorti tammetti f’dana l-istadju ta’ appell, u bhala prova, d-deposizzjonijiet ta’ Annabelle Sultana u ta’ Twanny Sultana minnhom moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kors ta’ kawza civili fil-21 ta’ April 2004 u fl-20 ta’ Ottubru 2004. Huma jikkontendu li dawn id-deposizzjonijiet “jinnewgaw” u “jeskludu” affarijiet li gew stabbiliti mill-ewwel qorti fis-sentenza appellata. Din il-Qorti, b’digriet moghti aktar kmieni llum stess, cahdet din it-talba u dana peress li l-istess appellanti kellhom l-opportunita` kollha, kieku riedu, li jressqu din il-prova quddiem l-ewwel Qorti; bizzejjed jinghad li n-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali ggib id-data tal-10 ta’ Dicembru 2004 – ghalhekk xhur wara li nghataw dawk id-deposizzjonijiet – u l-kaz tad-difiza beda jinstema’ fis-27 ta’ Jannar 2005 u ma nghalaqx qabel is-7 ta’ Marzu 2006 meta, kif hemm registrat fil-verbal ta’ dik l-udjenza (fol. 266) id-difiza ddikjarat li ma kellhiex aktar provi. Ghalhekk b’ebda mod ma jista’ jinghad li jezistu c-cirkostanzi ravvizati fl-Artkolu 424 tal-Kodici Kriminali ghall-ammissjoni ta’ provi godda. Apparti minn hekk, u fi kwalunkwe kaz, minn qari ta’ dawn id-deposizzjonijiet moghtija fil-kors tal-kawza civili, din il-Qorti ma tirriskontra xejn li jiskossa l-punt kardinali u l-qofol ta’ din il-kawza u ta’ dana l-appell, u cioe` l-identifikazzjoni ta’ l-appellanti da parti tal-konjugi Sultana bhala li kienu l-persuni involuti fis-serqa u fil-hsara kkagunata kemm lill-karozza kif ukoll lill-mutur.

L-aggravji tal-appellanti jistghu jigu riassunti hekk: (1) ma kienx hemm provi sufficjenti li kienu huma, cioe` l-appellanti, li kienu b’xi mod involuti fis-serq tal-vettura u fil-hsarat ikkagunati fiha u fil-mutur; (2) li r-rapport tal-perit tekniku Joseph Zammit kien inattendibbli minhabba l-mod proceduralment skorrett kif dana ipproceda fl-inkarigu

tieghu; (3) li fi kwalunkwe kaz, ma setax kien hemm serq bi zgass (tal-vettura) peress li Annabelle Sultana qalet li kienet halliet il-vettura miftuha u bic-cavetta go fiha; u (4) fl-ahharnett l-appellanti jilmentaw dwar il-piena inflitta li huma jqisu li kienet wahda gravuza.

Kwantu ghall-ewwel aggravju din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi konvinta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li kienu l-appellanti li serqu, u in segwitu ghamlu l-hsara (wahedhom jew ma’ ohrajn), kemm fil-karozza ta’ Annabelle Sultana kif ukoll fil-mutur ta’ Twanny Sultana. L-identifikazzjoni taghhom kemm mill-imsmmija Annabelle Sultana kif ukoll minn Twanny Sultana ma thalli ebda dubbju f’dan ir-rigward. L-abbili difensur ta’ l-appellanti ghamel hiltu biex jipprova juri dak li huwa sejjah diskrepanzi u/jew inkonsistenzi fid-deposizzjonijiet ta’ dawn it-tnejn – li huma effettivament il-vittmi – pero` tali diskrepanzi u/jew inkonsistenzi li jezistu ma jincidux fuq l-attendibilita` ta’ din l-identifikazzjoni.

Kwantu ghar-rapport tal-perit tekniku, huwa minnu li dan seta’ kien redatt b’mod ahjar; pero` fi kwalunkwe kaz, mill-provi kollha li hemm, inkluzi r-ritratti, huwa evidenti li l-ammont ta’ hsara kkagunata fil-karozza kien jammonta ghal aktar minn hames mitt lira (u allura japplika il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali) filwaqt li fil-kaz tal-mutur il-ksara tiskorri l-hamsin lira (u ghalhekk huwa applikabbli il-paragrafu l-paragrafu (b) ta’ l-imsemmija disposizzjoni).

L-appellanti jilmentaw ukoll li ma setax kien hemm zgass peress li l-vettura instabet bic-cavetta fiha. Issa, anke jekk, kif qed jallegaw l-appellanti, Annabelle Sultana kienet halliet il-karozza mhux imsakkra (*unlocked*) u bic-cavetta fiha, jirrizulta mill-provi li fil-mument li din insterqet kien hemm hoss ta’ tkissir ta’ hgieg li jindika li l-appellanti kissru l-hgiega tal-bieba tal-lemin tas-sewwieq (kif jidher mir-ritratti) biex accedew ghal gewwa l-istess vettura. Ghalhekk dana l-aggravju hu infondat.

Finalment l-appellanti jilmentaw dwar il-piena, li huma jikkunsidraw li hija gravuza. Din il-Qorti ma taqbel

assolutament xejn. Il-mod kif huma, flimkien ma’ haddiehor agixxew f’dana l-kaz juri nuqqas ta’ rispett totali ghall-proprjeta` ta’ haddiehor u ghalhekk, irrispettivament mill-fedina penali taghhom kif kienet fil-mument meta l-ewwel qorti giet biex taghti s-sentenza taghha, il-piena erogata kienet, minn kull aspett, wahda gusta.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward taz-zewg appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------